Kulleġġ Santa Margerita
Skola Primarja Żabbar B, 16, Triq l-Iskola, Żabbar, ŻBR1371

**T** 21826682 **F** 21896343 **E** smc.zabbar.prb@ilearn.edu.mt

11 ta' Jannar 2018

Għeżież Ġenituri/Kustodji

Kif tafu, bħalissa qiegħed isir xogħol ta' manutenzjoni fit-toroq ta' madwar l-iskola. Nifhmu li dan ix-xogħol huwa meħtieġ iżda dan qiegħed ukoll joħloq diffikultajiet waqt il-ħin li t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskola.

It-toroq ta' madwar l-iskola huma li huma u ma tantx hemm soluzzjonijiet għall-immaniġġjar tat-traffiku waqt li qiegħed isir dan ix-xogħol. Għaldaqstant qiegħed nappellalkom biex tkunu aktar attenti waqt li t-tfal ikunu deħlin u ħerġin mill-iskola biex nevitaw xi inċident.

Sadanittant, aħna qegħdin nieħdu dawn il-miżuri.

- It-tfal li jużaw it-**trasport** ħa jibqgħu jidħlu u joħorġu bħas-soltu.

- Ġenituri li għandhom **arranġamenti speċjali** mal-iskola, jibqgħu jdaħħlu u joħorġu lit-tfal bħas-soltu.

- It-tfal kollha l-oħra ħa jibdew jidħlu u joħorġu mill-bieb ta' Triq il-Kunvent (quddiem tal-pastizzi) sakemm nerġgħu lura għan-normal.

Nappella għall-koperazzjoni tagħkom u li tkunu fil-ħin biex nevitaw inkonvenjenti għal kulħadd.

Inselli għalikom

Charlot Cassar
Kap tal-Iskola